MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 1652/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Joseph Farrugia**
**538452(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmin mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,861.68) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekommunikazzjoni kont numru *47985 u 450714* moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterperlat sabiex ihallas izda baqa' nadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, tmin mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,861.68) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekommunikazzjoni kont numru *47985 u 450714* moghti mis-Socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------